ĦAL KIRKOP

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 42/2022/09

**Data tal-laqgħa:** 4 ta' April, 2022

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' permezz ta' Zoom Meeting fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop fl-17:15hrs.

### Preżenti:

Terence Agius ***Kunsillier***

Joseph Schembri ***Kunsillier***

John Luke Cassar ***Kunsillier***

Cody Galea ***Kunsillier***

### Assenti b'apoloġija *(Skont Ordni Permanenti 14A [3])*

Ritienne Caruana ***Kunsillier***

### Uffiċjal Preżenti:

Antonia Demicoli ***Segretarju Eżekuttiv***

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 42.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

42.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Ritienne Caruana li ma setgħatx tattendi għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol, liema raġuni kienet aċċetata mill-Kunsill Lokali *nem.con.*

## 42.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 40

42.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 40 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Kunsillier John Luke Cassar, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 42.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 41

42.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 41, liema laqgħa ġiet ikkanċelata bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha. Wara proposta mis-Sindku Terence Agius, li kienet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 42.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

42.4.1 Is-Sindku Terence Agius talab lill-Kunsilliera preżenti biex jagħtuh data biex il-Kunsill ikun jista' jagħmel appuntament mal-Kumpless Sportiv rigward il-parkeġġ.

42.4.1.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew id-disponibilità tagħhom u ġie deċiż li ssir laqgħa mar-rappreżentanti tal-Kumpless Sportiv nhar l-Erbgħa, 27 ta' April 2022.

42.4.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand Malta Air Traffic Services fejn talbu laqgħa mal-Kunsill biex jagħmlu xi proġett żgħir biex jikkomemoraw l-anniversarju ta' 20 sena.

42.4.2.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din it-talba u qablu li din il-laqgħa tinżamm ukoll nhar l-Erbgħa, 27 ta' April 2022.

42.4.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kien ser jiċċekkja eżatt rigward l-MOU iffirmat bejn l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u l-Public Works.

42.4.3.1 Il-Kunsilliera ddiskutew ix-xogħol pendenti tal-irranġar tal-bankini fi Triq Danny Cremona biex ikunu jistgħu jitwaħħlu s-safety barriers u qablu li l-Kunsill għandu jagħmel ftehim mal-Public Works, skont dan l-MOU, biex dan ix-xogħol isir minn naħa tagħhom.

42.4.3.2 Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

42.4.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill–ERA rigward infurzar mill-ERA relatat mal-iBins.

42.4.4.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li tintalab laqgħa mal-ERA dwar aktar spezzjonijiet u nfurzar relatat ma dan is-suġġett. Din il-laqgħa għandha tiġi skedata għal nhar l-Erbgħa, 27 ta' April, 2022.

42.4.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand in-National Literacy Agency rigward il-programm 'Aqra Miegħi/Read with Me'.

42.4.5.1 Il-Kunsilliera qalu li din hija proposta tajba ħafna u interessanti u għaldaqstant il-Kunsill lest li joffri s-sala tal-Kunsill biex ikunu jistgħu isiru dawn is-sessjonijiet.

42.4.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand kumpanija lokali li xtaqet tagħmel riklamar fil-lokalità.

42.4.6.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li għalissa jinfurmawhom li le għax il-Kunsill qed jaħdem fuqha u ser inkunu qed inkellmuhom wara li jsir dan l-istudju.

42.4.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand persuna li ser tkun qed tieħu sehem fil-konkors Mister Supranational u bħala parti minn din il-kompetizzjoni kien qed jiġbor prodotti tal-ikel biex jgħin lill-Foodbank Lifeline Foundation Malta.

42.4.7.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li jgħinu f'din il-kawża ġusta billi jinxtraw b'€100 prodotti tal-ikel.

42.4.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand is-Sezzjoni Attivitajiet fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd, Ikel u Drittijiet tal-Annimali rigward l-attività annwali tal-Imnarja.

42.4.8.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li għal din is-sena ma jieħdux sehem.

42.4.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand is-CRPD rigward l-appuntament li kellu jsir ma Infrastracture Malta dwar Triq San Benedittu. Sa issa kien għadu ma sarx appuntament.

42.4.9.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li jekk jibgħatulna appuntament, il-Kunsill għandu jinforma lill-Perit tal-Kunsill biex jirrapreżentana f'din il-laqgħa.

42.4.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. SPI/SCI/3/2022 dwar Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta 2022/2023.

42.4.10.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din l-iskema u qablu li ssir applikazzjoni biex isir ir-restawr tas–Salib tad-Dejma li hemm f'Misraħ Ħal Kirkop. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

42.4.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondeza rigward MOU li ġie ffirmat bejn il-Malta Tourism Authority u l-Ministeru għall-Kultura u l-Gvern Lokali flimkien mal-Ministeru għall-Ugwaljanza, Riċerka u Innovazzjoni fejn l-MTA qed toffri s-servizz tat-*ticketing platform* tagħha biex tintuża għall-attivitajiet organizzati mill-Kunsill Lokali.

42.4.11.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan il-kuntratt li huwa interessanti ferm u ser iżommu nota biex jekk il-Kunsill ikollu l-ħtieġa għal xi attività li jorganizza jkun jista' jagħmel użu minnu.

42.4.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva kuntratt mingħand Refab Light Blue Partnership rigward il-kaxxi l-blue fejn jinġabru ħwejjeġ użati. Is-Sindku qal li dan il-kuntratt ġie mġedded għal ħames snin oħra.

42.4.13 Il-Kunsilliera Cody Galea daħal għal-laqgħa f'dan l-istadju. Il-ħin huwa s-18:15hrs.

42.4.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva kwotazzjoni dwar GPS tracker.

42.4.14.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-kwotazzjoni u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tagħmel *membership* għal sitt xhur biex naraw kif ser taħdem is-sistema. Jekk is-sistema tkun tajba l-Kunsill ikun jista' jġedded dan is-servizz. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

42.4.15 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-kumpanija li qed tieħu ħsieb l-iskema WiFi4EU kienet għamlet spezzjoni f'Ħal Kirkop u kienet ser tibda x-xogħol. Hu kompla jgħid li ser ikun qed jitkellem mal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward min ser ikun qed iħallas is-servizz tal-internet biex naraw li l-Kunsill jieħu l-benefiċċju massimu ta' din l-iskema.

42.4.16 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza minn EkoSkola fejn taw *follow-up* dwar iż-żjara li saret fil-fabbrika ST Microelectronics u talbu l-għajnuna tal-Kunsill biex isiru *bicycle racks*.

42.4.16.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li l-Kunsill jiċċekkja mal-Ministeru tal-Finanzi jekk l-iskema għadhiex valida u jekk fl-affermattiv il-Kunsill jgħin biex issir din l-applikazzjoni.

42.4.17 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li waqt laqgħa tar-Reġjun Punent kienet ġiet diskussa 'Religious Walk'. Is-Sindku kompla jgħid li din mhux ser taffetwa lill-Ħal Kirkop peress li mhux inklużi fir-rotta.

42.4.18 Is-Sindku Terence Agius qal li sa issa l-Kunsill kien għadu ma rċeviex risposta dwar l-iSkema dwar Attivitajiet Kulturali, dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-attività Irkottafest.

42.4.18.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu unanimament li l-attività Irkottafest 2022 ma ssirx għal fatt li l-Kunsill baqa' bla risposta ta' finanzjament u issa ma fadalx żmien biżżejjed biex din l-attività tiġi organizzata kif jixraq.

42.4.19 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-kwotazzjonijiet għat-trasport għall-anzjani lejn u lura mid-Day Centre kienu inġabru, skont il-ftehim mad-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità.

42.4.19.1 Il-Kunsilliera preżenti raw dawn il-kwotazzjonijiet u qablu li tingħażel l-orħos offerta.

42.4.19.2 Għaldaqstant, il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex tingħażel l-orħos offerta għat-trasport tal-anzjani lejn u lura mid-Day Centre, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Terence Agius, bi qbil mill-Kunsilliera kollha preżenti.

42.4.20 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Comite de Jumelage Rousset kienu stiednu lill-Kunsill Lokali għall-Festa tal-Ewropa fejn ser jiġi esebit Hal Kirkop u jkompli x-xogħol fuq dan il-ġemellaġġ, wara li kollox kien jinsab wieqaf għal dawn l-aħħar sentejn minħabba l-pandemija tal-Covid-19.

42.4.20.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din l-istedina u qablu li jitilgħu Rousset biex ikomplu jippromwovu lil-lokalità ta' Ħal Kirkop u jkomplu l-ħidma fuq dan il-ġemellaġġ.

42.4.21 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-kuntratt tal-ġbir ta' skart riċiklat kien ser jiskadi fis-26 ta' April, 2022 u sa issa ma kienx hemm direzzjoni ċara jekk dan il-kuntratt hux ser jgħaddi għand il-Kunsill Reġjonali.

42.4.21.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-materja u qablu li l-Kunsill għandu jitlob lill-GreenPak biex iġedded dan il-kuntratt għal 6 xhur, biex sakemm ikun hemm direzzjoni r-residenti jkomplu jgawdu minn dan is-servizz.

42.4.21.2 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-kuntratt ta' ġbir ta' skart riċiklat jiġġedded għal 6 xhur, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 42.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

42.5.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar x'sar fuq is-CCTVs li kellhom isiru f'Misraħ Ħal Kirkop u f'Misraħ San Leonardu.

42.5.1.1 Is-Sindku Terence Agius qal li kien qed jitkellem mal-kuntrattur biex jibda x-xogħol.

42.5.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar ix-xogħol fuq il-bankina fi Triq Valletta fejn jaqbad ma Triq ir-Ramlija. Hu qal li din għandha tiġi rranġata mill-ħaddiema tagħna.

42.5.2.1 Is-Sindku Terence Agius talbu biex juri lill-ħaddiema x'kien hemm bżonn isir biex din tiġi rranġata. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

42.5.3 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar ix-xogħol fuq il-pjattaforma għall-iBins fi Triq ir-Ramlija.

42.5.3.1 Is-Sindku Terence Agius qal li x-xogħol ser jibda' għal ħabta ta' nofs Mejju 2022.

42.5.4 Il-Kunsillier John Luke Cassar issuġġerixxa li jsiru tabelli li ser jibda x-xogħol fi Triq ir-Ramlija, ix-xogħol ta' restawr fuq l-Arkata ta' San Ġakbu, ix-xogħol fuq is-CCTVs ta' Misraħ San Leonardu u x-xogħol ta' CCTVs ta' Misraħ Ħal Kirkop.

42.5.4.1 Is-Sindku u l-Kunsilliera qablu miegħu u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex isiru dawn it-tabelli.

42.5.5 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar 'Reserved Parking for Lotto Office'.

42.5.5.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qalu li kull banka tal-lottu għandha dritt għaliha minħabba serq.

42.5.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kunsillier Cody Galea biex iġib il-ħinijiet biex il-Kunsill ikun jista' japplika ta' TM għaliha.

42.5.6 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar is-safety barriers li kienu ser isiru fi Triq Danny Cremona.

42.5.6.1 Is-Sindku Terence Agius infurmah li din il-materja kienet ġiet diskussa aktar kmieni f'din il-laqgħa u l-Kunsill kien ser jiddiskuti mal-Public Works biex ix-xogħol fuq il-bankini fejn ser jitwaħħlu s-*safety barriers* isir skont l-MOU ffirmat mal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

42.5.7 Il-Kunsillier Cody Galea staqs dwar it-toqob għan-nar tal-art, peress li issa ż-żmien tal-festi dieħel sewwa.

42.5.7.1 Is-Sindku Terence Agius qal li ser jerġa' jitkellem magħhom biex jaraw meta se jkomplu x-xogħol.

42.5.8 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar il-parkeġġ biswit il-Kumpless Sportiv u meta dan ser ikun qed jinfetaħ għall-pubbliku.

42.5.8.1 Is-Sindku Terence Agius qal li fil-bidu tal-laqgħa ġiet deċiża data fejn ser issir laqgħa mal-Manager tal-Kumpless Sportiv biex jiġi diskuss x'jista' jsir biex ikun hemm il-possibilità li l-parkeġġ jinfetaħ għall-pubbliku.

42.5.9 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa jekk kienx hemm żviluppi dwar it-tisbieħ tal-*observation area* u jekk l-*email* mibgħuta minn Parks Malta kinetx uffiċjali.

42.5.9.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-*email* mibgħuta minn Parks Malta hija uffiċjali u għaldaqstant il-pjanijiet huma li dan il-proġett isir minnhom u jkun imdaħħal mal-Budget 2023.

42.5.10 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa jekk *area* ta' art f'Kirkop 2 li bħalissa tagħmel parti mill-barracks tal-AFM, biswit il-grawnd tal-futbol, tistax tingħata lir-residenti biex issir spazju miftuħ.

42.5.10.1 Is-Sindku Terence Agius qal li din l-art ma tistax tittieħed għax taħt l-art għaddejin affarijiet ta' sigurtà.

42.5.11 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar is-siġra tal-ficus fi Triq Giovanni Cassar.

42.5.11.1 Is-Sindku Terence Agius qal li ser ikun qed jitkellem mal-ELC dwarha biex jara x'jista' jsir. Apparti hekk il-Kunsill ser jitlob lill-ġardinar biex kull fejn isib siġar imħawla minn nies fi propjetà pubblika, dawn jitneħħew mill-ewwel. Hekk biss jistgħu jiġu evitati problemi bħal din il-problema tas-siġra tal-ficus.

## 42.6 Rapport tal-Ilmenti

42.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment rigward bżonn ta' mera fi Triq id-Duluri k/m Triq Tal-Fieres, minħabba li min ikun ġej minn Triq id-Duluri qed isibha diffiċli li jara l-karozzi li jkunu ġejjin minn Triq Tal-Fieres.

42.6.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li ssir mera mal-arblu li hemm faċċata ta' Triq id-Duluri u din teħel taħt it-tabella eżistenti.

42.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment rigward bankina mkissra f'Misraħ iż-Żerniq.

42.6.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet diġà tkellmet mal-kuntrattur li kisser din il-bankina u kien ser jirranġaha.

42.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment dwar l-istat tal-bankina ħdejn il-LEAP!, fejn qabel kien hemm it-*telephone box.*

42.6.3.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan l-ilment u qablu li ssir qasrija bħal dawk li saru f'Misraħ San Leonardu.

42.6.4 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri ssuġġerixxa li jiġi rranġat il-ħajt tad-dawra taċ-Ċentru Soċjali mill-ħaddiema tal-Kunsill u meta jkun lest ninfurmaw lil-LEAP! li t-tfal jistgħu ipinġu xi fjuri fuqu.

42.6.4.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan is-suġġeriment u kien hemm qbil unanimu miegħu.

42.6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill talba mis-CRPD dwar talba għal *Reserved Parking* quddiem l-iskola.

42.6.5.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u peress li fi Triq San Benedittu diġà hawn *Reserved Parking* li qegħda f'inqas minn 50 metru mill-iskola, u jekk issir aktar qrib l-iskola din ma jkunx hemm aċċess għaliha waqt li t-triq tingħalaq, din it-talba ma tistax tintlaqa'.

42.6.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kumplament tal-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fil-lista tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 42.7 Proġett *Erasmus Plus* – Gallodoro, L-Italja

42.7.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva sejħa għal parteċipazzjoni fi proġett *Erasmus Plus* li ser isir fil-muniċipalità ta' Gallodoro fi Sqallija, L-Italja bejn l-10 u l-14 ta' April, 2022.

42.7.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din is-sejħa u qablu li jattendu s-Sindku Terence Agius u l-Kunsilliera John Luke Cassar u Cody Galea għal dan il-proġett.

42.7.3 Is-Sindku Terence Agius qal li dawn il-proġetti dejjem jgħinu biex Ħal Kirkop jingħata isem barra minn xtutna filwaqt li flimkien jiġu studjati prattiċi li jistgħu ikunu tajbin fil-ħidma tal-Kunsill b'risq ir-residenti tal-lokalità.

42.7.4 Il-Kunsilliera qablu wkoll li l-ispejjeż *extra* mhux imħallsa mill-proġett, jiġu mħallsa mill-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 42.8 Approvazzjoni – *Increment* ta' Impjegat tal-Kunsill

42.8.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li wieħed mill-ħaddiema kien imissu jieħu l-*increment* li jingħata kull sena b'effett mill-1 ta' April, 2022.

42.8.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu li la ma kienx hemm problemi fil-*performance* tal-impjegat, dan l-*increment* għandu jingħata.

42.8.3 Għaldaqstant, il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex l-impjegat tal-Kunsill jingħata l-*increment* għal *notch 6*, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Terence Agius, bi qbil mill-Kunsilliera kollha preżenti.

42.8.4 Apparti hekk, is-Sindku Terence Agius qal li l-istess impjegat kien għalaqlu t-tlett snin kuntratt mal-Kunsill u għaldaqstant kien hemm bżonn li dan jiġġedded.

42.8.5 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu wkoll li la ma kienx hemm problemi fil-*performance* tal-impjegat, il-kuntratt tiegħu għandu jiġi mġedded.

42.8.6 Għaldaqstant, il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex l-impjegat tal-Kunsill jiġġeddidlu l-kuntratt, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil mill-Kunsilliera kollha preżenti.

42.8.7 Minħabba li kien fadal punti importanti għad-diskussjoni, u peress li kienu għaddew it-tlett siegħat, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar. Il-ħin f'dan l-istadju kien it-20:15hrs.

## 42.9 Approvazzjoni – Applikazzjoni SPI/SCI/001/2022 – *Playing Fields*

42.9.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kif kien diskuss f'Seduta Nru. 40, minuta 40.4.19, il-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. SPI/SCI/001/2022 rigward Finanzjament għal Żvilupp u Titjib fil-kundizzjonijiet tal-*Playing Fields* fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

42.9.2 Is-Sindku Terence Agius kompla jgħid li din l-iskema tagħlaq fid-29 ta' April, 2022 u għaldaqstant il-Kunsilliera kienu bdew jaħdmu fuq l-applikazzjoni li ser tkun qed tinkludi t-tisbieħ ta' Misraħ iż-Żerniq.

42.9.3 Is-Sindku Terence Agius qal li kien ser jitlob estensjoni minħabba li għal din l-applikazzjoni kien hemm bżonn rapport minn Inġinier u dan mhux ser jilħaq ikun lest sad-data tal-għeluq.

42.9.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li taħseb li se jkun diffiċċli li l-Kunsill jingħata estensjoni peress li din iċ-Ċirkulari kienet ilha ftit li ħarġet.

42.9.5 Is-Sindku Terence Agius qal li hu ser jagħmel dak li jista' biex il-Kunsill jingħata din l-estensjoni minħabba li din ma saritx għaliex il-Kunsilliera kollha kienu mħabbta b'xogħol marbut mal-Elezzjoni Ġenerali.

42.9.6 Il-Kunsilliera qablu li jekk il-Kunsill ma jingħatax estensjoni għal din l-iskema, ikomplu jaħdmu fuqha biex il-Kunsill japplika għal dan it-tisbieħ mid-Development Planning Fund tal-Awtorità ta' l-Ippjanar.

## 42.10 Data għal-Laqgħa Annwali li ssir f'April 2022

42.10.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li skont il-liġi tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill kien meħtieġ li jagħmel laqgħa annwali tal-lokalità sal-15 ta' April, 2022. Hu qal li minħabba l-Elezzjoni Ġenerali u peress li l-Kunsilliera kollha kienu mħabbtin ħafna matul ix-xahar ta' Marzu, il-Kunsill ma kienx ser ilaħħaq issejjaħ din il-laqgħa sad-data stabbilita.

42.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li huwa ferm importanti li din il-laqgħa tissejjaħ kemm jista' jkun malajr peress li f'din il-laqgħa jiġu ppreżentati ir-Rapport Amministrattiv, ir-Rapporti Finanzjarji u l-Pjan ta' Ħidma.

42.10.3 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u ġie deċiż li l-laqgħa ssir nhar it-Tlieta, 24 ta' Mejju, 2022 fil-17:30hrs.

## 42.11 Jum Ħal Kirkop – 29 ta' Mejju, 2022

42.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li f'laqgħat preċedenti l-Kunsillier John Luke Cassar kien ressaq suġġeriment li Jum Ħal Kirkop għandu jerġa' jibda jiġi ċċelebrat u jingħata l-importanza li tixraqlu.

42.11.2 Il-Kunsilliera qablu mal-Kunsillier Cassar u ddiskutew x'attività tista' tittella' f'din il-ġurnata.

42.11.3 Kien hemm qbil li ssir quddiesa nhar il-Hadd 29 ta' Mejju, 2022 fis-18:00hrs fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop.

42.11.4 Għal din il-quddiesa jkunu mistiedna l-President u s-Segretarju tal-Għaqdiet Lokali, il-Membri Parlamentari tal-ħames distrett u l-Kunsilliera kollha tat-tmien leġislatura.

42.11.5 Wara din il-quddiesa l-mistednin kollha jinġabru fis-Sala tal-Kunsill fejn jingħata Ġieħ Ħal Kirkop 2022 u tingħata tifkira lill-Kunsilliera kollha li servew fit-Tmien Leġislatura.

42.11.6 Apparti hekk, ser jiġi wkoll varat *video clip* qasir dwar Ħal Kirkop, liema *video clip* ser jgħin biex jesebixxi lil Ħal Kirkop barra minn xtutna.

42.11.7 Kien hemm qbil ukoll li din is-serata tingħalaq b'festin żgħir tal-okkażjoni.

42.11.8 Il-Kunsilliera ddiskutew ukoll persuni li kien jixirqilhom jieħdu Ġieħ Ħal Kirkop 2022. Kien hemm qbil unanimu li dan il-Ġieħ jingħata lis-Sur Clint Grech, Artist Lokali li jaħdem ħafna volontarjament b'risq il-lokalità, f'kull attività organizzata mill-Kunsill u qed jagħti isem kbir lil Ħal Kirkop bl-arti tiegħu. Din il-proposta kienet waħda unanima.

## 42.12 Sejħa għall-Offerti – Knis ta' Toroq

42.12.1 Minħabba li kien sar ħafna ħin, il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tpoġġi dan l-*item* fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss.

## 42.13 Sejħa għall-Offerti – Tabelli u Sinjali tat-Traffiku

42.13.1 Minħabba li kien sar ħafna ħin, il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tpoġġi dan l-*item* fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss.

## 42.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

42.14.1 Il-listi ta' pagamenti Skeda Nru. 124 u Skeda Nru. 125, kif annessi, ġew imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

42.14.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex il-listi ta' pagamenti Skeda Nru. 124 u Skeda Nru. 125 jiġu approvati, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 42.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

42.13.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

42.13.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis, 12 ta' Mejju, 2022 fl-16:30hrs.

42.13.3 Il-laqgħa ntemmet fid-21:10hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 12 ta' Mejju, 2022

**Mozzjoni Ref:** 225/22/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 40.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| John Luke Cassar | Joseph Schembri |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 4 ta' April, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 226/22/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 41.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 4 ta' April, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 227/22/9

**Mozzjoni:**

Biex tingħażel l-orħos offerta għat-trasport tal-anzjani lejn u lura mid-Day Centre.

**Proponent**
John Luke Cassar

**Sekondant**
Terence Agius

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 4 ta' April, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

ĦAL KIRKOP

**Mozzjoni Ref:** 228/22/9

**Mozzjoni:**

Biex il-kuntratt ta' ġbir ta' skart riċiklat jiġġedded għal 6 xhur.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 4 ta' April, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 229/22/9

**Mozzjoni:**

Biex l-impjegat tal-Kunsill jingħata l-*increment* għal *notch 6.*

**Proponent**
John Luke Cassar

**Sekondant**
Terence Agius

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 4 ta' April, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 230/22/9

**Mozzjoni:**

Biex l-impjegat tal-Kunsill jiġġeddidlu l-kuntratt tal-impjieg tiegħu.

**Proponent**
Joseph Schembri

**Sekondant**
John Luke Cassar

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 4 ta' April, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 231/22/9

**Mozzjoni:**

Biex jiżdied il-ħin tal-laqgħa minħabba li kienu għaddew it-tlett siegħat u kien fadal punti importanti biex jiġu diskussi.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 4 ta' April, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 232/22/9

**Mozzjoni:**

Biex il-listi ta' pagamenti Skeda Nru. 124 u Skeda Nru. 125 jiġu approvati.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| John Luke Cassar | Joseph Schembri |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 4 ta' April, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**